# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **8 TA' OTTUBRU 2017**

**Magħmudija Komunitarja**
Għada/Illum il-Ħadd issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

***Seminar* għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof**
Is-Sibt 7 u l-Ħadd 8 ta' Ottubru 2017 fl-iskola St Michael Santa Venera ser isir is-*seminar* għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof.

**Bazaar**
Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila u b'hekk tkunu qed tgħinu lill-Parroċċa.

**APPREZZAXLOKK**
Fis-Sala Sant'Anna qed titella' wirja tar-ritratti li tibqa' miftuħa sa għada/illum il-Ħadd 8 ta' Ottubru 2017.

**Legion of Mary**
L-Erbgħa 11 ta' Ottubru 2017 il-membri tal-Legion of Mary ser ikomplu bil-'*home visits*' fl-inħawi taż-Żonqor. Inħeġġukom sabiex nilqgħuhom, nitkellmu u nitolbu magħhom.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**
L-Erbgħa 11 ta' Ottubru 2017 ser isir Coffee Morning organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-Ispiritwalità.

**Kummissjoni Djakonija**
L-Erbgħa 11 ta' Ottubru 2017 fis-7:15pm tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fis-Sala Sant'Anna.

**Kummissjoni Familja**
Il-Ħamis 12 ta' Ottubru 2017 fis-7:15pm tiltaqa' l-Kummissjoni Familja fis-Sala Sant'Anna.

**100 Sena mid-Dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima**

Billi matul din is-sena qed infakkru l-100 Sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, il-Ġimgħa 13 ta' Ottubru 2017 wara l-quddiesa tas-7:00am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**

Il-Ġimgħa 13 ta' Ottubru 2017 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiċċelebraw is-Sagrament taż-Żwieġ fix-xhur li ġejjin.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 14 ta' Ottubru 2017 fis-Seminarju tal-Virtu', ir-Rabat fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Quddiesa għaż-żgħażagħ**

Il-Ħadd 15 ta' Ottubru 2017 fit-8:00pm issir quddiesa għaż-żgħażagħ fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju, fil-Villa Apap Bologna.

**Mill-Kunsill Lokali**

Dawk kollha li nkitbu mal-Kunsill Lokali sabiex jieħdu t-tilqima tal-influwenza ninfurmawhom li ser tibda tingħata fl-uffiċini tal-Kunsill bejn it-Tnejn 23 ta' Ottubru u l-Ġimgħa 27 ta' Ottubru 2017 mit-8:00am sa 12:00pm.

**Rużarju f'Ottubru**

Niftakru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru, fis-5:55pm (qabel il-quddiesa tas-6:30pm), jitalab ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat. Nhar ta' Sibt jibda wara l-quddiesa tas-6:30pm u l-Ħadd jibda fil-5:25pm. Inħeġġukom sabiex bħala familja titolbu t-talba tar-Rużarju flimkien.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017 fid-9.00am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Kors ta' Kana bi tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani**

Fil-Parroċċa tagħna l-Kors ta' Kana ser jibda il-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2018. Niltaqgħu nhar ta' Ġimgħa fis-7:30pm fis-Sala Sant'Anna bejn Jannar u Marzu. L-għarajjes interessati għandhom japplikaw billi iċċemplu l-Uffiċċju Parrokkjali (27633703 waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju parrokkjali) jew jinkitbu fis-sagristija.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn is-26 ta' Jannar 2018 u l-4 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm jinkisbu mis-sagristija.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Ottubru 2017. Mal-*Flimkien* se jkun qed jitqassam ukoll l-envelop għall-Missjoni. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.